MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Numru. 305/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Isaac Wood**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Isaac Wood iben Anthony u Mary Grace nee` Sultana, imwieled il-Pieta` fis-6 ta` April, 1979 u residenti Entratura A, Appartament Nru. 2, Binja Kordin, Pjazza Sant`Antnin, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 175679 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Nhar it-12 ta` Novembru, 2003, f`Malta xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew

akkwistati b`reat, li sar f`Malta jew xjentement, b`kull mod indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti u dana bi ksur ta` l-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ April 2005 sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta’ Far 2007 ta’ l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jinstema’ bi procedura sommarja u jigi deciz min din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat b’ricettazzjoni ta’ oggetti misruqa taht dak li jipprovdi l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mill-provi rrizulta li fit-12 ta’ Novembru 2003 kien sar rapport lil Pulizija minn certu Mark Pierre Galea fejn dan kien qal li dakinhar kien dahal guvni fil-hanut tieghu bl-isem ta’ The Sound Machine li jinsab fi Pjazza De Paule, Rahal il-Gdid u kien talbu jara mobile phone tal-ghamla Samsung (mudell numru SGH E700). Dan il-guvni kien talbu sabiex johrog juri l-mobile lit-tfajla li kienet barra u hallielu l-Identity Card tieghu bhala forma ta’ sigurta. Dan il-guvni hareg mill-hanut u ma regghax dahal lura. Il-karta tal-identita’ta’ dan il-guvni giet mghoddija lil Pulizija meta sar ir-rapport u rrizulta li din kient awtentika u li kienet tappartjeni lil certu Jason Gatt. Meta l-Pulizija interrogaw u arrestaw lil dan Jason Gatt huwa qal lil Pulizija li malli hareg mill-hanut tal-mobile phones huwa kien mar mal-ewwel ghand il-hanut tat-tattoes li jinsab fi Triq Schreiber, Rahal il-Gdid fejn dak iz-zmien kien jahdem l-imputat Isaac Wood u talbu Lm100 ghal dan il-mobile phone. L-imputat talab lil Jason Gatt

igiblu l-ircevuta rigwardanti dan il-mobile, kif ukoll l-istarter pack, ic-charger u l-garanzija tal-istess mobile phone. Meta marru l-Pulizjia fil-hanut tal-imputat il-mobile phone effettivament instab ghandu u huwa ghaddih lil Pulizija.

Meta xehed Jason Gatt quddiem din il-Qorti (ara deposizzjoni relattiva a fol. 33 u 34 tal-process) huwa qal li kien mar ibiegh il-mobile phone lill-imputat, kien qalu li l-mobile phone kien tieghu u fil-fatt kien hareg is-SIM card mill-mobile qabel ma ghaddieh lil-imputat u dan tal-ahhar kien talbu jehodlu ic-charger, il-garanzija u l-kaxxa tal-istess mobile qabel ma jghaddielu l-flus u dan sabiex jaccerta ruhu li l-mobile phone kien tieghu. Dan Jason Gatt qal li l-imputat kien tah xi haga tal-flus bhala deposit ghal dan il-mobile u huwa kien qallu li kien ser jehodlu l-affarijiet li kien talbu dakinhar stess jew l-ghada.

Meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2007 l-imputat qal li Jason Gatt kien mar il-hanut tieghu u qsllu li kellu mobile phone li kien tieghu ghal bejgh u qallu li xtaq jissellef xi flus fuqu. Huwa qal ukoll li Jason Gatt kien talbu l-prezz ta Lm150 ghal dan il-mobile u kien talbu jsellfu Lm50 immedjatament. L-imputat xehed li huwa kien talab lil Gat sabiex jaghtih l-istarter pack, ic-charger u l-garanzija ta’ dan il-mobile sabiex jaccerta ruhu li kien tieghu u dan prometta li kien ser jghaddilu l-oggetti mitluba. L-imputat stqarr li ma kienx jaf li l-mobile phone in kwistjoni kien misruq anki ghaliex Jason Gatt kien qallu li dan kien tieghu u huwa kien fil-fatt hareg is-SIM card mill-mobile qabel ma ghaddielu l-istess mobile phone. Ghalkemm meta rrilaxxja l-istqarrija a tempo vergine (inserita a fol. 21 u 22 tal-process) l-imputat ma kien semma xejn dwar il-fatt li kien talab lil Jason Gatt sabiex jghaddielu il-garanzija, ic-charger u l-istarter pack izda qal biss li l-imputat kien mar jitolbu jsellfu xi flus fuq il-mobile phone tieghu, mix-xhieda ta’ PS 1067 Mario Spiteri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 25 et sequitur) tal-process jirrizulta li l-imputat mal-ewwel kien qal lil PC 1067 li huwa kien talab lil Jason Gatt sabiex jghaddielu l-kaxxa u c-charger tal-mobile phone sabiex jikkonferma li l-mobile phone ma kienx misruq.

Jirrizulta ghalhekk li l-verzjoni moghtija mill-imputat giet korroborata kemm minn Jason Gatt kif ukoll minn PC 1067 u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf li l-mobile phone kien misruq. Qabel ma l-imputat accetta li jixtri l-mobile phone li Jason Gatt qallu li kien tieghu, u mill-liema mobile phone huwa rah johrog is-SIM Card, huwa talbu sabiex jaghtih il-garanzija, ic-charger u l-istarter pack tal-imsemmi mobile sabiex jaccerta ruhu li l-mobile phone effettivament kien tieghu u fil-fatt huwa kien ser jghaddi l-ammont mitlub bhala l-prezz ta’ dan il-mobile malli l-imputat kien ser jaghtih l-affarijiet mitluba u mhux qabel. Huwa accetta biss li jsellef lil Jason Gatt is-somma ta’ Lm50 sakemm dan kien ser jaghtih l-oggetti mitluba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------